# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1181/2008/2 GM**

**Joseph Schembri u Sharon Schembri**

**v.**

**Saviour *sive* Sammy Attard u Bridget Attard**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Schembri minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2019, għaliex qegħdin jippretendu li l-konvenuti Attard kellhom jiġu kkundannati jħallsuhom l-ammont kollu ta' €21,314.58 mitlub minnhom fir-rikors maħluf tagħhom u mhux l-ammont imnaqqas ta' €10,967.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Novembru, 2008, l-atturi fissru li l-attur Joseph Schembri kien silef somma flus lill-konvenut Sammy Attard sabiex dan ikun jista' jużahom fin-negozju tiegħu tal-bejgħ u x-xiri taż-żwiemel. Jgħidu li l-ftehim milħuq bejn il-partijiet kien li l-konvenut Sammy Attard kellu jħallas lura mhux biss l-ammont misluf lilu fuq medda ta' żmien, iżda kellu wkoll iħallas parti mill-qligħ li huwa kien jagħmel minn kull partita ta' żwiemel li l-imsemmi konvenut kien jimporta f'Malta.

3. L-atturi jkomplu jfissru li minbarra dan il-ftehim, kien hemm ftehim ieħor, li permezz tiegħu l-attur Schembri kien qabbad lill-konvenut Sammy Attard sabiex jimporta għalih f'Malta, żiemel Taljan ħalli dan jieħu sehem bih fi tlielaq uffiċjali. Ġara iżda skont l-atturi, li ż-żiemel li ġab Sammy Attard ma kellux karti regolari tal-importazzjoni u għalhekk dan kien miżmum milli jitħalla jiġri f'kompetizzjonijiet uffiċjali. Din it-tilwima iżda ġiet solvuta aktar tard bl-intervent tal-avukat tagħhom.

4. Ikomplu jgħidu li n-nuqqas ta' qbil serju li nħoloq bejniethom wassalhom f'punt biex huma qablu li jitterminaw kull relazzjoni li kellhom flimkien. F'dan il-kuntest, l-atturi jgħidu li għall-ħabta ta' Marzu tas-sena 2008, il-konvenut Sammy Attard kien aċċetta li jrodd lura s-self u li jħallas dak kollu dovut minnu mal-wasla ta' żwiemel li kien ħa jġib f'Malta. Iżidu li sat-8 ta' Marzu, 2008, Sammy Attard kien radd lura biss l-ammont ta'

€9,545 u li l-arranġament kien li sakemm Sammy Attard kien ħa jibqa' għaddej bin-negozju tiegħu taż-żwiemel, l-ammont dovut lill-atturi kellu jiżdied proporzjonalment.

5. L-atturi jgħidu li l-konvenut Sammy Attard baqa' għaddej bin-negozju tiegħu mingħajr ma ħallashom xejn. Isostnu li l-konvenuti għandhom iħallsuhom l-ammont li ġie mniżżel fil-kitba privata tat-8 ta' Marzu, 2008 mehmuża mar-rikors maħluf u dawk l-ammonti l-oħra sussegwenti li ġew rikonoxxuti f'dokumenti oħra kif sejrin jirriżultaw waqt il-mixi tal-kawża.

6. Peress li l-konvenuti baqgħu ma ħallsux id-dejn tagħhom, li skont l-atturi jaqa' fl-ambitu tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm fis-seħħ bejn iż-żewġ konvenuti, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«Tikkundanna lill-intimati li jħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija u erbatax-il ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Euro 21,314.58).*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-atti tal-mandati kawtelatorji 984/08, 917/08, 967/08, 914/08 u 915/08 u interessi legali kalkolabbli mit-8 ta' Lulju 2008, data tal-Kambjala hawn esibita bħala Dok. D sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimati li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenuti Attard wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fit-30 ta' Diċembru, 2008, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi r-rikors ġuramentat promotur huwa null u dana stante li ma jissodisfax l-vot tal-Liġi kif stipulat fl-* ***Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *għandu jingħad illi*

*mill-premessi tar-rikors promutur ma hemmx tifsira ċara u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba unika li ressqu r-rikorrenti Schembri. Anqas hija identifikabbli r-raġuni tat-talba unika imressqa mir-rikorrenti Schembri.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, iżda wkoll preliminarjament, r-rikors ġuramentat promotur huwa null u dana stante li d-diversi premessi mressqa mir-rikorrenti bħala preambolu tat-talba tagħhom huma kunfliġġenti u jeliminaw lil xulxin.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, iżda wkoll preliminarjament r-rikors ġuramentat promotur huwa null u dana stante li talbiet li kellhom isiru ma sarux u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tgħaddi sabiex tilqa' t-talba unika tar-rikorrenti mingħajr ma tiddeċiedi dwar il-mertu, ossia, ir-raġuni tat-talba.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu t-talba tar-rikorrenti hija diretta kontra Bridget Attard u l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-intimati Attard dawn għandhom jiġu respinti u dana stante li Bridget Attard ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti Schembri u wisq anqas ikuntrattat xi dejn jew għamlet xi negozju mal-imsemmija rikorrenti Schembri. Illi Bridget Attard wisq anqas ikkonsentiet għall-assunzjoni ta' dejn u/jew iffirmat xi skritturi u/jew kambjali in konnessjoni ma' xi debitu allegatament pagabbli lir-rikorrenti Schembri. Illi l-esponenti Bridget Attard wisq anqas awtorizzat lil Saviour sive Sammy Attard jalloka f'isimha xi dejn u/jew jimpenja l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq allegazzjoni li dana kien finanzjament ta' negozju u li l-ftehim raġġunt bejn il-partijiet kien li l-intimati Attard kellhom iħallsu lir-rikorrenti Schembri parti mill-profitti ta' dana n-negozju ta' bejgħ u xiri ta' żwiemel, dina hija essenzjalment allegazzjoni li bejn il-kontendenti kien hemm soċjetà (partnership) ai termini tal-**Artikolu 1644 et seq.** tal-**Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u bħala tali għandha tiġi regolata skont l-istess dispożizzjonijiet, inkluż dawk li jirregolaw ix-xoljiment tal-istess. Kif hekk imsejsa t-talba tar-rikorrenti hija għalkollox infondata fil-fatt u fid-dritt u kif imressqa l-kawża odjerna hija għalkollox irritwali u bi ksur tal-artikoli appena ċitati.*

*6. Illi kif hekk imsejsa fuq allegazzjoni li bejn il-kontendenti kien hemm soċjetà (partnership) r-rikorrenti huma obbligati wkoll li jikkontribwixxu għal kull telf li għamlet tali soċjetà u dwar liema l-intimati qed jirriżervaw kull dritt ta' azzjoni fil-konfront tar-rikorrenti.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq allegazzjoni li l-ammont pretiż kien self 'brevi manu' magħmul mir-rikorrenti lill-intimati t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi meqjusa fid-dawl tal-**Artikoli 987 et seq**. u tal-**Artikoli 1842** et seq tal-**Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kif hekk imsejsa t-talba tar-rikorrenti*

*għandha tiġi respinta stante li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija imsejsa fuq obbligazzjoni illeċita, ċjoè l-użura, u inoltre hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti Schembri hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-intimati Attard ma għandhom jagħtu xejn lir-rikorrenti Schembri u dana kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkwantu t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq allegazzjoni li hemm xi ammont dovut in konnessjoni ma' xiri ta' żiemel Taljan, dina t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda pendenza jew disputa dwar dana l-bejgħ/xiri.*

*10. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mil-liġi.»*

8. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 2010, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u b'hekk iddikjarat bħala null ir-rikors maħluf imressaq mill-atturi.

9. Din is-sentenza iżda ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2014, u fiha ġew miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar in-nullità tar-rikors maħluf.

10. Il-kawża reġgħet marret lura quddiem l-Ewwel Qorti u l-kawża tkompliet fuq il-mertu tagħha.

11. B'sentenza finali mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi iżda sal-ammont biss ta' €10,967, bl-imgħax legali jitlaq mid-data tas-sentenza u bil-kwalifika li l-konvenuta Bridget Attard hija responsabbli għal dan l-ammont minn sehma biss tal-komunjoni tal-akkwisti. L-ispejjeż tal-kawża tqassmu nofs bin-nofs bejn il-

partijiet.

12. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*«Illi l-attur fetaħ din il-kawża wara illi kien avvanza ammont ta' flus lill-konvenut li kellhom iservu bħala finanzjament għan-negozju tal-konvenut marbuta ma' xiri u bejgħ taż-żwiemel, bil-patt li l-flus jitħallsu lura fuq medda ta' żmien u li l-attur jitħallas ukoll parti mill-profitti li l-konvenut jagħmel minn kull partita ta' żwiemel li jimporta;*

*Ikkunsidrat:*

***Il-fatti***
***L-ammont misluf***

*Illi skont l-attur (fol. 91) is-self tal-flus beda fl-2007 meta silef lill-konvenut LM7,081.55 (€16,500) li ġabhom cash mingħand ċertu Tony "Tal-Funerali". Il-konvenut l-għada raddlu LM4,500 minnhom (€10,485). Dan ifisser, skont l-attur, li kien baqa' bilanċ ta' €6,015. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut (fol. 134) ċaħad li fl-ewwel okkażjoni l-attur silfu €16,500 sabiex ikopri t-transport ta' partita żwiemel li kienu għadhom kif waslu. Jaf li hu ħallas parti mill-ammont tal-prezz taż-żwiemel u l-attur ħallas il-bilanċ. Ma jafx kemm, iżda żgur li mhux €16,500 (Ibid. Para. 6). In kontroeżami jgħid illi l-attur kien tah "qrib €10,000 mingħalija kienu" (fol. 225);*

*Illi skont l-attur, wara l-ewwel okkażjoni msemmija, il-konvenut reġa' talbu jisilfu iktar flus filwaqt illi qallu li kien se jagħtih nofs il-qligħ tan-negozju. L-attur irrifjuta u talbu jtih "ftit imgħax". Wara dan, l-attur beda joħroġlu ċekkijiet biex ikollu x'juri. Ħallas ukoll direttament lil Sullivan Maritime (trasport taż-żwiemel) f'Ottubru 2007 għan-nom tal-konvenut;*

*Illi skont il-konvenut: «Sitwazzjonijiet simili ġraw xi ftit drabi, xi darbtejn jew tlieta, però żgur inqas minn ħames darbiet. F'dawn is-sitwazzjonijiet hu kien jagħtini l-flus biex nixtri iktar żwiemel.» (Ibid para. 7);*

*Illi l-partijiet jaqblu li kien hemm kwistjoni dwar żiemel li l-attur xtara mingħand il-konvenut li ġiet solvuta iżda wasslet biex tħassret ir-relazzjoni tajba ta' bejn il-partijiet. Il-konvenut kien ukoll jikri remissa mingħandu sakemm kera oħra mingħand terzi u dwar din ma kienx hemm kwistjonijiet. Meta temm il-kirja tar-remissa tal-attur, dan tal-aħħar beda jgħid ma' terzi li l-konvenut kellu bilanċ pendenti miegħu fuq xiri taż-żwiemel. Il-konvenut jammetti li dan kien minnu.*

*Kien jitlob lill-attur jiktiblu kemm kien qiegħed jisilfu, u kemm il-konvenut kien iħallsu lura, iżda l-attur qatt ma ried jagħmel dan (Affidavit tal-konvenut a fol 134 para 19);*

*Illi skont il-konvenut b'kollox, bejn l-ewwel u l-aħħar vjaġġ taż-żwiemel li kien jimporta, issellef bejn LM25,000 u LM30,000 mingħand l-attur (= €58,250 - €69,900). Ħallsu lura l-kapital kollu iżda qatt ma tah riċevuta. Kien iħallas kollox f'kontanti (Ibid para 20);*

*Illi in kontroeżami l-attur xehed li l-uniku ftehim kien li jieħu l-flus lura (Fol. 163). Ċaħad li kien hemm ftehim dwar it-teħid ta' sehem mill-profitti tal-bejgħ taż-żwiemel – kuntrarjament għal dak li jaħlef fir-rikors ġuramentat. Xehed li b'kollox silfu €50,000. Il-konvenut xehed, «li naf żgur hu li jien qatt m'għidtlu biex nidħol sħab miegħu fiż-żwiemel. Niċħad ukoll li jien u hu qatt ma tkellimna biex jien nagħtih nofs il-qligħ mill-profitti tiegħi»;*

*Illi l-attur esebixxa għadd ta' ċekkijiet (Dok. E a fol. 10) maħruġin minnu:*

***Bank of Valletta:***

| *Data* | *Ammont* | *Favur* | *Ġirat* |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *12.10.2007* | *Lm5,857.61* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard* |
| *22.10.2007* | *Lm636* | *Sullivan Maritime* | *Credit HSBC* |
| *13.11.2007* | *Lm2,665.18* | *BoV* | *Camilleri* |
| *13.11.2007* | *Lm334.28* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard* |
| *16.11.2007* | *Lm3798.25* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard* |
| *29.12.2007* | *Lm500* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard* |
| *02.01.2008* | *€2329.37 (Lm1000)* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard* |
| | | | |
| *Credit Card (fol. 14)* | | | |
| | | | |
| *02.11.2007* | *Lm138.60* | *Ryanair Int Dublin* | |

***HSBC**:*

| *Data* | *Ammont* | *Favur* | *Ġirat* |
|---|---|---|---|
| *20.09.2007* | *Lm2300* | *Sammy Attard* | *Sammy Attard*<br><br>*Placed to the credit of by Bank of Valletta plc in Sept 2007* |

***Ħlas lura***

*Illi skont il-konvenut, għall-ewwel darba jew darbtejn li silfu l-flus l-attur ma talbux imgħax iżda mbagħad beda jitolbu LM1,500 imgħax fix-xahar. Għaddielu għadd ta' pagamenti iżda dawn kienu l-ewwel jinqatgħu kontra l-imgħax imbagħad li jifdal kontra l-kapital. L-imgħax beda jitlobulu wara li nqalgħet il-problema taż-żiemel li l-attur xtara mingħandu. L-attur beda jheddu li jdaħħlu fl-inkwiet jekk ma jħallasx;*

*Illi l-konvenut jispjega illi, «L-ammonti li Schembri kien qed jitlobni f'dak iż-żmien kien l-imgħax li kien beda jinsisti dwaru wara li nqalgħu l-problemi bejnietna. Kien iżommli €1,500 fix-xahar għall-imgħax (Fol. 134, para. 20). Hu beda jgħidli li ħa jdaħħal lili u lil mara fl-inkwiet… Jiena peress li l-mara ma kinitx taf b'xejn ma ridtx indaħħalha fi problemi, qbilt li mmur inkellem lill-Avukat Matthew Brincat bħala ħabib tagħna t-tnejn biex nippruvaw nsibu soluzzjoni għal dil-kwistjoni (Fol. 134 para. 21)»;*

*Illi l-konvenut ikompli jgħid illi, «Dr Brincat kien ċempilli u staqsieni jekk kontx ġbartlu xi flus. Jien għidtlu li iva u għidtlu biex jiġi r-remissa tiegħi ħalli nkun nista' ngħaddihomlu. Dr Brincat ġie r-remissa u ħallastu LM4,000. Għandi ngħid illi jien f'dan iż-żmien kien għad fadalli xi LM1,500 x'inħallas bħala kapital. Dr Brincat kien ġie r-remissa bl-iskrittura tat-8 ta' Marzu 2008 diġà miktuba lesta. Hu kien qrahieli però… kien hemm imniżżel li jien kelli nagħtih €17,467 oħra. Jiena kont għedt lil Dr Brincat li ma kellix inħallas daqshekk però hu kien qalli li Schembri kien qallu li jien daqshekk kelli nagħtih. Dr Brincat qalli biex naqbad u nagħtihomlu ħalli naqta' kollox miegħu inkella kien ser idaħħal lill-mara fin-nofs. Jien lil Dr Brincat għidtlu li l-mara ma kienet taf b'xejn minn dawn l-affarijiet u għalhekk iffirmajt għalihom għax kien qed jgħidli li kien ser jaqlagħli l-inkwiet. Jien niċħad li kont jien li kont għidt lil Dr Brincat il-bilanċ li kien qed jitlob għaliex bħalma għadni kif għidt, din il-karta Dr Brincat kien ġie biha lesta għandi» (Ibid para. 23). Il-konvenut jissokta jgħid li, «dwar il-bilanċ ta' Lm1,500 niftakar li jiena kont bgħattlu (lil Schembri) madwar LM500 f'kontanti u l-oħrajn kelli niġbor mingħand xi ħadd wara l-bejgħ ta' xi żiemel u kont bgħatt lil Schembri jiġborhom mingħandu. Għalhekk ngħid li dwar il-kapital kollu li kien sellifni, bil-flejjes kollha li kont ħallastu, dan kellu jkun kollu mħallas, u xi ħaġa żgħira oħra magħhom» (Ibid.);*

*Illi Dr Matthew Brincat spjega li dakinhar tal-iskrittura, l-attur u l-konvenut kienu diġà kisruha bejniethom u ma kinux għadhom jitkellmu. Huwa mar biex iħallas lill-konvenut billi dan ħadlu ħsieb tat-trasport ta' żiemel tiegħu personali. Kien fil-karozza tal-konvenut meta dan offra li jħallas lill-attur. L-avukat ċempel lill-attur u staqsieh kemm kien l-ammont pendenti. Kiteb l-iskrittura fuq karta li tah il-konvenut. L-iskrittura saret fuq insistenza tal-avukat. Kien ipprepara kostituzzjoni ta' debitu li l-konvenut qatt ma ffirma għax ma riedx juri lil martu;*

***L-iskrittura***

*Illi skont l-iskrittura datata 8 ta' Marzu 2008 (Fol. 6) suriferita, il-konvenut irrikonoxxa li kellu jagħti lill-attur LM11,500 ekwivalenti għal €26,787 li minnhom kien qiegħed iħallas €9,320 flimkien ma' €225 rappreżentanti dawl u ilma u li baqa' dovut bilanċ ta' €17,467 ripagabbli fi żmien ġimgħa u li fuqu kellu jiddekorri l-imgħax legali;*

***Mandati***

*Illi wara l-iskrittura, l-attur istitwixxa żewġ mandati kontra l-konvenut u martu u ċjoè Mandat ta' Inibizzjoni numru 984/08 (Dok AI a fol. 96) li kien appuntat għall-10 ta' Lulju 2008 u estiż għal Awwissu 2008 u reġa' ġie estiż sa 30.01.2009 (Fol. 97); u l-mandat ta' Sekwestru numru 967/08 (Dok J a fol. 99) li ġie intavolat fis-27 ta' Gunju 2008 għall-ammont ta' €22,343.34 bil-kawżali tidher li kienet għall-ħlas lura ta' somma akbar li nħarġet għal negozju konġunt bejn il-partijiet liema ħlasijiet saru b'ċekkijiet bankarji u ġie estiż darbtejn, l-ewwel darba sat-30 ta' Awwissu 2008 u mbagħad sa Jannar 2009 (Fol. 102);*

***Kambjala***

*Illi erba' xhur wara li saret l-iskrittura, il-konvenut ħareġ kambjala datata 8 ta' Lulju 2008 favur l-attur fis-somma ta' €21,314.58 ġewwa l-uffiċċju tal-Avukat Matthew Brincat (Vide kambjala Fol. 9);*

***Kondotta tal-attur***

*Illi l-konvenut xehed ukoll illi, l-attur kien tah daqqa ta' ponn u heddu li l-flus jekk ma kienx sejjer jeħodhom bis-sewwa jeħodhom bid-dnewwa. Fil-fatt kien għamel rapport l-għassa. Dan ġara fil-31 ta' Mejju 2010 (Dok NT a fol. 180). A fol 151 ġiet esibita sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar 2016, li permezz tagħha l-attur instab ħati ta' użura. Mis-sentenza jirriżulta wkoll li kien qabad jagħti lil wieħed mix-xhieda (Fol. 153). F'dak il-każ l-vittma kien imġiegħel jagħmel skrittura privata minkejja li kien radd lura iktar mill-ammont lilu misluf (Ibid);*

***Evalwazzjoni tal-fatti***

*Illi skont l-attur, huwa għadda total ta' €50,000 lill-konvenut. Il-konvenut jgħid li rċieva bejn LM25,000 u LM30,000 (= €58,250 - €69,900);*

*Illi kif jirriżulta mill-atti, l-attur għadda lill-konvenut LM17,230.46 (=* ***€40,136.18****) permezz ta' ċekkijiet jew tranżazzjonijiet bankarji oħra. Jekk l-attur jitwemmen li fl-ewwel okkażjoni silef €16,500 lill-konvenut, ifisser li silfu b'kollox €56,636.18. Jekk wieħed inaqqas €10,485 li l-attur jgħid li l-konvenut raddlu lura rigward l-ewwel versament ta' flus, jirriżulta bilanċ mhux imħallas ta' €46,151.18. Għalhekk, jirriżulta almenu parti ta' kemm tabilħaqq għaddew flus mill-attur għal għand il-konvenut. Il-konvenut, min-naħa tiegħu, jisħaq li ħallas il-kapital kollu u parti mill-imgħax. Irċevuti iżda m'għandux;*

***Konsiderazzjonijiet legali***

***(i) provi kunfliġġenti***

*Illi l-biċċa l-kbira tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti hija waħda ta' min mill-partijiet qiegħed jagħti verżjoni li għandha titwemmen. Marbuta ma' din hemm il-kwistjoni mqanqla mill-konvenuti dwar jekk dak li seħħ tassew huwiex differenti minn dak li joħroġ mid-dikjarazzjonijiet miktuba;*

*Illi dwar l-aspett ta' kif il-Qorti tqis min għandu jitwemmen, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (Ara per eżempju P.A. N.C. 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet* ***Frank Giordmaina Mediċi et v. William Rizzo et****). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas;*

*Illi min-naħa l-oħra, mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismjiet* ***Emanuel Ciantar v. David Curmi noe****). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et****);*

***(ii) prova kontra l-miktub***

*Illi f'dan il-kaz, dawn il-prinċipji jridu jinqraw u jinftehmu fil-kuntest tal-pożizzjoni legali tal-konvenut kontra d-dikjarazzjoni ffirmata minnu, fejn tiġi fuq quddiem ir-regola ewlenija fil-qasam proċedurali li trid li ma tistax tinġieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola contra scriptum testimonium non scriptum non fertur tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji (Ara, per eżempju, App. Ċiv. 28.2.1997 fil-kawża fl-ismijiet* ***Grech Sant noe v. Farrugia noe et*** *(Kollez. Vol: LXXXI.ii.394); P.A. 11.5.1988 fil-kawża fl-ismijiet* ***Privitera noe v. Galea noe*** *(Kollez. Vol: LXXII.iv.775); App. Ċiv. 30.1.1967 fil-kawża fl-ismijiet* ***Zammit et v. Zammit et*** *(Kollez. Vol: LI.i.61) u App. Kumm. 28.10.1960 fil-kawża fl-ismijiet* ***Lungaro Mifsud noe v. Polidano*** *(Kollez. Vol: XLIV.i.267));*

*Dwar tali regola huwa stabbilit li:*

> *(a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba;*
> *(b) il-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba;*
> *(ċ) il-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba (P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismjiet* ***General Cleaners Co Ltd v. L-Avukat Ġenerali et****); u*
> *(d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali (App. Ċiv. 6.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet* ***Gatt v. Cuschieri noe (Kollez. Vol: XXXIX..i.221)*** *u l-għadd ta' riferenzi li hemm imsemmija). Fl-aħħar nett, dwar dan il-punt, huwa stabbilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku – f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni ta' dejn aċċettat – ikun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-Qorti m'għandhiex tirrikorri għal provi barranija mill-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku (P.A. 9.6.1964 fil-kawża fl-ismijiet* ***Formosa v. Camilleri et*** (Kollez. Vol: XLVIII.ii.1022));*

*Illi jkun hemm ir-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola meta:*

> *(i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim;*
> *(ii) il-ftehim ikun simulat;*
> *(iii) il-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet;*
> *(iv) iqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u*
> *(v) meta, flimkien mal-ftehim miktub, ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu (Ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Amante Caruana v. Saveria Bonnici****. Ir-regoli u l-eċċezzjonijiet għan-norma tal-contra scriptum huma meħudin minn sentenza studjata tal-Onor. Imħ. J. R Micallef fl-ismijiet* ***Contrad Gatt v George Xuereb*** *14.02.2017);*

*Illi l-atturi, fir-rikors maħluf tagħhom, li ċertament mhuwiex xempju ta' kjarezza u limpidità, isejsu t-talba tiegħu prinċipalment fuq l-iskrittura, anke jekk imbagħad isemmu, en passant, il-kambjala fuq imsemmija. Il-Qorti hija konvinta li dawn l-iskritturi huma mċappsin bl-użura. L-attur ġie misjub ħati ta' użura b'sentenza tal-Qorti fuq imsemmija; f'dak il-każ, bħalma ġara f'dan il-każ, il-vittma ġie mġiegħel jiffirma skrittura u ġie msawwat. Fil-każ preżenti wkoll l-attur ta daqqa ta' ponn lill-konvenut. L-attur, mistoqsi jekk qattx kellu xi kwistjoni oħra dwar self, innega. Iffaċċjat bis-sentenza msemmija, qal li dik kienet kwistjoni dwar bini. L-attur istitwixxa l-mandati abbażi ta' pretensjoni ta' sehem mill-qligħ; hekk ukoll għamel fil-premessi tiegħu tar-rikors ġuramentat; imbagħad ċaħad dawn l-istess allegazzjonijiet tiegħu stess. M'hemmx dubbju li l-allegazzjonijiet dwar sehem mill-profitti saru biex ikomplu jimmaskeraw l-użura. Għalhekk l-attur ma jista' jkollu l-ebda kredibiltà f'għajnejn din*

*il-Qorti: l-ewwel għax jidher li jaqla' l-flus permezz tal-użura, it-tieni għandu kondotta vjolenti u t-tielet għaliex xehed b'mod kontradittorju u mhux veritier. Tgħodd għalih sewwa l-aforiżma falsus in unus, falsus in omnibus;*

*Illi għalhekk f'dan il-każ iseħħu l-kundizzjonijiet sabiex tiġi skartata l-aforiżma l-oħra li contra scriptum non est argumentum;*

***(iii) prova tas-self tal-flus***

*Illi skartati l-iskritturi, jirriżulta li l-attur ipproduċa prova almenu ta' parti mill-flus li silef, kif fuq muri. Min-naħa l-oħra, l-attur ma pproduċa l-ebda prova dwar iż-żieda fl-ammont li hemm bejn meta saret l-iskrittura u d-data tal-kambjala;*

*Illi fil-każ ta' self ta' flus, il-piż tal-eżistenza tal-kreditu huwa fuq spallejn min jallega li għandu jieħu. Ġaladarba jipprova dan, il-piż tal-prova jdur fuq id-debitur, li jġorr il-piż li jipprova l-ħlas:*

*Illi tajjeb li jiġi mfakkar dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri (****Prim'Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' Mejju 1970 per Imħallef Maurice Caruana Curran):-*

> *«Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le, dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' kunflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċjoè l-attur, l-esiġibilità, u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor reus in excipiendo fit actor, għax jerga' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża tibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' kunflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.»*

***(iv) prova tal-ħlas***

*Illi l-aqwa prova hija l-irċevuta. B'danakollu, il-prova tal-ħlas tista' ssir b'mezzi oħrajn:*

> *«Tabilħaqq quddiem din il-propożizzjoni, ġuridikament korretta, tat-tematika m'hemmx x'wieħed iżid jekk forsi mhux b'repitizzjoni tal-kliem tas-sentenza tal-Appell Kummerċjali in re* ***Genovese v. Bajada*** *(10 ta' Ġunju 1966 (inedita)), dik jiġifieri fejn ġie ritenut illi "l-pożizzjoni tad-debitur ma għandhiex tiġi magħmula iżjed difficli minn dik li tagħmilha l-liġi meta tesiġi li l-prova tal-ħlas tmiss lilu." Kif saput, tali*

> *prova tista' issir b'kull mezz (**Kollez. Vol. XXXV P III p 604**) u allura trasportat dan li appena ngħad għall-każ in ispeċe, meta l-konvenuti werew bi statements mill-istess soċjetà attriċi li l-bilanċ kien "nil" għandu jitqies li dawn għamlu l-prova li tmiss lilhom";*
>
> *L-appellanti jqajjem l-argument, dedott minnu wkoll bħala aggravju illi l-konvenut appellat ħtieġlu hu wkoll jiddiżimpenja ruħu biex isostni l-eċċezzjoni tal-pagament.*
>
> *Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-proċess mm jallega l-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jagħmel dan mhux neċessarjament jipproduci riċevuti. Provi oħra konvinċenti jibbastaw skond iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li jkun, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali (Ara **Av. J. Buttigieg noe v. Jos. Portelli noe**, Appell Kummerċjali, 26 ta' Jannar 1976; **Joe Chetcuti noe v. Joseph Pearson et noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 1998) iċċitata in re: **Camilleri Joseph v. Calleja Emanue**l 31.01.2003 QA(PS).*
>
> *Magħdud dan, la skont il-liġi l-pagament jikkostitwixxi adempiment ta' obbligazzjoni pekunarja (ara **Artikolu 1146, Kodiċi Ċivili**), l-istess liġi, kif supplimentata minn ġurisprudenza kopjuża, tponi fuq l-appellanti debitur l-oneru tal-prova tar-radd lura tas-self. Dan hu seta' jagħmlu "bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħalma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċu lill-ġudikant» (**Emmanuele Bezzina v. Emmanuele Attard et**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 12 ta' Frar, 1959) iċċitata in re: **APS Bank Limited v. Francis Xavier Micallef** 07.07.2010 QA(PS)).*

*Illi l-konvenut jallega li ħallas il-kapital kollu, u parti mill-imgħax. Huwa jallega - u l-Qorti hija propensa li temmnu - li ma setax jipproduċi irċevuti għaliex l-attur kien jirrifjuta li jagħmilhomlu. B'danakollu, il-konvenut, wara għaxar snin sħaħ li matulhom ilha tkarkar din il-kawża, naqas li almenu jagħti indizju tal-pagament jew pagamenti li seta' għamel. Sempliċiment stqarr li ħallas il-kapital kollu. Kif u come ma jgħidx. Għalkemm il-Qorti tissimpatizza sewwa mal-konvenut, ma tistax tagħtih widen fuq il-kelma tiegħu biss – u l-kelma tiegħu hija waħda ġenerika għall-aħħar;*

*Illi f'każ ta' użura li għandu ċertu xebħ mal-każ preżenti, l-**Imħallef J. R. Micallef** ikkummenta hekk:*

> *«b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel dwar dak li jissemma fil-prova miktuba u l-għamla ta' xhieda li tista' titressaq biex twaqqagħha, il-Qorti ssib li l-attur ma kienx f'qagħda li mqar jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu dwar kemm tabilħaqq ħallas lill-imħarrkin. Il-ftit riċevuti mressqa ma jwasslux lil din il-Qorti biex tgħid li dak li jissemma fil-kuntratti jista' jitgiddeb mir-riċevuti maħruġa jew li tasal biex minnhom tista' tasal konklussivament biex issib li l-imħarrkin mhux minnu li sellfu lill-atturi s-somom li jissemmew fil-kuntratti. Din hija qagħda li l-attur ġabha b'idejh, għaliex stqarr li filwaqt li l-ħlasijiet li jgħid li għamel kienu fi flus kontanti, mhux dejjem talab u wisq anqas mhux dejjem ingħata*

> *riċevuta. Skond l-imħarrkin, kull ħlas li sar ingħatat riċevuta u li r-riċevuti li tressqu bi prova fl-atti ta' din il-kawża juru l-ħlasijiet lura li l-attur effettivament wettaq»;*

*Illi l-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-każ preżenti. L-unika ħjiel konkret li ta l-konvenut kien dwar l-ammont inizjali maħruġ mill-attur. Il-konvenut jiċħad kategorikament li kien €16,500 (Ibid para. 6). In kontroeżami jgħid illi l-attur kien tah "qrib €10,000 mingħalija kienu" (Fol. 225). Għalhekk il-Qorti jidhrilha li jkun ekwu jekk titnaqqas is-somma ta' €6,500 mis-somma ta' €17,467 msemmija fl-iskrittura;*

***(v) Dejn gravanti fuq komunjoni tal-akkwisti***

*Permezz tar-raba' eċċezzjoni, il-konvenuti jsostnu li Saviour Attard ikkuntratta mingħajr il-kunsens ta' martu u għalhekk din m'għandhiex twieġeb għat-talbiet tal-atturi. Il-partijiet ma tawx wisq importanza lil din l-eċċezzjoni, tant li m'għamlu l-ebda riferenza għaliha fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom. Il-Qorti hija konvinta, abbażi tal-provi prodotti, li Bridget Attard tabilħaqq ma kinitx taf li żewġha kien qiegħed jissellef bl-użura – att li ċertament ma jistax jitqies bħala att normali tal-kummerċ. B'danakollu, saret taf, jew messha saret taf, meta rċeviet il-mandati kif ukoll din il-kawża; iżda m'użufruwietx ruħha mir-rimedju li tagħtiha l-liġi permezz tal-**Art. 1327(2)** sabiex tannulla s-self de quo fiż-żmien mogħti mill-istess liġi. Għalhekk tibqa' tagħmel tajjeb għal dan is-self il-komunjoni tal-akkwisti.»*

13. L-atturi Joseph u Sharon Schembri appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-4 ta' Novembru 2019, b'ħames aggravji li jistgħu jinġabru hekk: (i) li mhux veru li l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien fih elementi ta' użura; (ii) li l-Ewwel Qorti skartat il-kambjala fl-ammont ta' €21,314.58, li ġiet iffirmata mill-konvenut u l-provi l-oħra li nġabu minnhom waqt il-kawża biex juru li l-ammont kollu mitlub minnhom huwa dovut; (iii) li l-Ewwel Qorti naqqset is-somma mitluba minnhom għal €10,967 b'mod illeġittimu u arbitrarju; (iv) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ordnat li l-imgħax għandu jitlaq biss mid-data tas-sentenza appellata għaliex skonthom l-imgħax kellu jitlaq mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf; u (v) li l-ispejjeż tal-kawża ma kellhomx jinqasmu b'mod indaqs bejn il-partijiet.

14. Għalhekk l-atturi appellanti talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tvarja u/jew tħassar is-sentenza appellata billi tgħid li l-konvenuti għandhom jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma sħiħa ta' €21,314.58 u mhux is-somma ta' €10,967, bl-imgħax mid-data tat-tressiq tar-rikors maħluf sal-ħlas kollu u bl-ispejjeż ġudizzjarji kollha li għandhom x'jaqsmu kemm mal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll dawk fl-appell.

15. Il-konvenuti Attard wieġbu għal dan l-appell fl-10 ta' Diċembru, 2019, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud. Fir-risposta tal-appell tagħhom, il-konvenuti qajmu wkoll in-nullità tal-appell tal-atturi għaliex jgħidu li t-talba finali tal-appell hija kontradittorja peress li l-atturi appellanti indikaw li kienu qegħdin ifittxu kemm il-varjazzjoni, kif ukoll ir-revoka tas-sentenza appellata.

16. Bis-setgħat mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti ordnat lill-atturi appellanti waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2024 sabiex jippreżentaw nota fi żmien jumejn, li permezz tagħha jindikaw jekk bl-appell tagħhom huma jridux li s-sentenza appellata tiġi mħassra kollha kemm hi jew inkella jekk din għandhiex tiġi mibdula biss f'partijiet minnha.

17. B'nota ppreżentata dakinhar stess fl-1 ta' Frar, 2024, l-atturi

appellanti ċċaraw li bl-appell tagħhom huma qegħdin jitolbu biss ir-riforma tas-sentenza appellata għaliex iridu: (i) li l-konvenuti appellanti jiġu kkundannati biex iħallsuhom is-somma ta' €21,314.58 u mhux is-somma ta' €10,967; u (ii) li jitħallsu l-imgħax fuq is-somma ta' €21,314.58 maħdum mid-data li fiha huma ressqu r-rikors maħluf tagħhom u mhux mid-data tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

18. Inżamm smigħ fil-25 ta' April, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. Qabel tibda tistħarreġ l-appell tal-atturi din il-Qorti jeħtiġilha qabelxejn tindirizza l-preġudizzjali mressqa mill-konvenuti appellati li l-appell huwa milqut b'nullità. Il-konvenuti jisħqu li l-appell tal-atturi huwa null minħabba li fih din il-Qorti qiegħda tintalab kemm li tbiddel u kif ukoll li tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti. Itennu li dawn iż-żewġ talbiet ma joqogħdux flimkien u anzi jmeru lil xulxin għaliex din il-Qorti ma tistax tbiddel sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha. Huma jagħlqu din il-parti tat-tweġiba tal-appell tagħhom billi jfissru li l-konfużjoni maħluqa mill-atturi ma tistax tissewwa bit-tħaddim tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex inkella tkun qiegħda titbiddel in-natura tar-rimedju mitlub mill-atturi. B'hekk, skont il-konvenuti, din il-Qorti għandha tgħaddi minnufih biex tiċħad ir-rikors tal-appell tal-atturi.

20. Din il-Qorti tagħraf li skont l-**Artikolu 142(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ir-rikors tal-appell għandu jkun fih talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha. M'hemmx dubju li l-atturi żbaljaw meta fir-rikors tal-appell tagħhom talbu kemm it-tibdil ta' parti mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u kif ukoll it-tħassir tas-sentenza kollha. Dan sewwasew għaliex il-liġi tipprovdi għat-tibdil u għat-tħassir ta' sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad f'forma alternattiva u mhux simultanja (ara ***Anthony Falzon et v. Colinrose Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

21. Madankollu, il-pożizzjoni tal-atturi ġiet iċċarata wara li fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2024, din il-Qorti, bit-tħaddim tal-**Artikolu 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ordnatilhom biex jindikaw jekk bl-appell tagħhom huma jridux li s-sentenza appellata tiġi mħassra kollha kemm hi jew inkella jekk din għandhiex tiġi mibdula biss f'partijiet minnha. F'dan is-sens jgħidu ħażin il-konvenuti li l-atturi ma jistgħux isewwu l-iżball jew in-nuqqas li hemm fir-rikors tal-appell tagħhom. Dan għaliex hija l-liġi stess, sewwasew fl-artikolu hawn fuq imsemmi, li tagħti dan iċ-ċans.

22. Kemm hu hekk, b'nota ppreżentata fl-istess jum li din il-Qorti tat id-digriet tagħha, l-atturi ċċaraw li huma qegħdin jitolbu lil din il-Qorti: (i) tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din iddikjarat lill-konvenuti debituri tal-atturi; (ii) tvarjaha fis-sens li d-debitu dovut għandu jkun dak

ta' €21,314.58 u mhux dak ta' €10,967; (iii) tbiddilha fejn ordnat li l-imgħax legali fuq id-debitu dovut għandu jitħallas mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok tordna li dan għandu jitħallas mid-data li fiha tressaq ir-rikors maħluf tagħhom; u (iv) tbiddilha wkoll fejn iddeċidiet dwar min għandu jeħel l-ispejjeż tal-kawża billi tordna li dawn għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti.

23. Jiġi b'hekk, li wara li ngħataw ordni minn din il-Qorti, l-atturi speċifikaw b'mod dettaljat liema huma l-kapi tas-sentenza li jixtiequ li jiġu kkonfermati u liema huma dawk li jixtiequ jiksbu tibdil fihom. Għalhekk, wara li saret din it-tisfija fir-rikors tal-appell, żgur ma jistax jingħad li l-atturi naqsu milli jispjegaw b'mod ċar it-tibdil li qegħdin jitolbu fis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Tassew, din il-Qorti ma tistax tifhem kif wara li tressqet in-nota tal-1 ta' Frar, 2024, il-konvenuti baqgħu jinsistu fuq din il-preġudizzjali tagħhom. Wara kollox, il-"konfużjoni" li fi kliem il-konvenuti, seta' għall-bidu kien hemm fir-rikors tal-appell, bl-ebda mod ma ppreġudikathom milli jressqu d-difiża tagħhom fir-risposta tal-appell (ara ***Maria Victoria Borg et v. Sindku u Segretarju Eżekuttiv in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Pietà*** deċiża fid-19 ta' Mejju, 2009).

24. Għaldaqstant, din il-preġudizzjali tal-konvenuti qiegħda tiġi mwarrba.

25. Ngħaddu issa biex inqisu l-appell tal-atturi Schembri. L-**<u>ewwel tliet</u>**

**aggravji** tal-atturi Schembri huma essenzjalment marbuta flimkien u għalhekk din il-Qorti sejra tistħarriġhom flimkien. L-appellanti jisħqu li bil-maqlub ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, l-ammont ta' flus li huma qegħdin jippretendu li jitħallsu mingħand il-konventi appellati ma fih ebda elementi ta' użura. Itennu li kemm hu hekk, l-ammont mitlub minnhom ma jinkludix l-imgħaxijiet. L-atturi jsostnu li kieku kien tassew minnu li l-attur Joseph Schembri sellef il-flus lill-konvenut Saviour Attard u talbu l-imgħaxijiet fuqhom bl-użura, huwa ma kienx isellef billi joħroġ numru ta' ċekkijiet, li kollha spiċċaw biex għaddew minn taħt il-lenti tal-banek.

26. Huma jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti skartat għalkollox il-kambjala, fl-ammont ta' €21,314.58, li kienet saret favur tagħhom. Ifissru li l-ammont ta' €17,467, li tniżżel fuq il-kitba privata tat-8 ta' Marzu, 2008, spiċċa biex f'temp ta' ftit xhur tela' għal dak ta' €21,314.58, li tniżżel fuq il-kambjala, mhux għaliex il-ftehim li kien hemm bejn l-attur Joseph Schembri u l-konvenut Saviour Attard kien imtebba' bl-użura, iżda sewwasew għaliex f'dawk ix-xhur l-attur kien daħal f'numru ta' spejjeż marbuta mal-pendenzi li hemm bejn il-partijiet, fosthom billi ressaq ħames mandati fil-Qorti kontra l-konvenuti.

27. L-atturi jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti naqqset is-somma ta' flus mitluba minnhom b'mod illeġittimu u arbitrarju u li l-kalkoli magħmula mill-Ewwel Qorti ma jagħmlu ebda sens matematiku. Jisħqu li fl-aħħar mill-

aħħar kien il-konvenut stess li ammetta li kien issellef madwar €60,000 mingħand l-attur u li l-ammonti li ġew imniżżla kemm fuq il-kitba tat-8 ta' Marzu, 2008 u kif ukoll fuq il-kambjala kienu ġew aċċettati u kkwantifikati mill-konvenuti stess.

28. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti jwieġbu li b'dawn it-tliet aggravji l-atturi qegħdin jippruvaw iwaqqgħu l-għarbiel tal-provi li twettaq mill-Ewwel Qorti dwar il-mertu tal-każ. Huma jisħqu li dan ma jistax isir f'dan l-istadju tal-appell ħlief għal raġunijiet serji u gravi ferm. Iżidu jgħidu li din il-Qorti tal-Appell m'għandha ebda dmir li terġa' tqis il-provi mill-ġdid u li tissindika l-għarbiel imwettaq mill-Ewwel Qorti.

29. Dwar il-mertu tal-aggravji jsostnu li ma jagħmel ebda sens li bejn it-8 ta' Marzu, 2008 u t-8 ta' Lulju, 2008, jiġifieri d-dati li fihom saru l-kitba privata u l-kambjala rispettivament, l-ammont dovut lill-attur Joseph Schembri żdied bi €3,847, meta f'dak il-perjodu l-attur ma kien sellef ebda flejjes lill-konvenut u lanqas għamel xi spejjeż oħra ħlief spejjeż legali. B'żieda ma' dan huma jgħidu li tlieta mill-ħames mandati li jissemmew mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-partijiet u li l-ispejjeż taż-żewġ mandati l-oħra żgur ma jlaħħqux mas-somma ta' €3,847. Hekk ukoll, huma jtennu li anke jekk wieħed kellu jqis l-ispejjeż marbuta maż-żiemel Zut, dawn l-ispejjeż saru qabel ġiet iffirmata l-kitba tat-8 ta' Marzu, 2008. Jgħidu li f'kull każ dawn l-ispejjeż

jammontaw għal €500 u mhux €3,847.

30. Din il-Qorti tistqarr minnufih li l-konvenuti ma huma siewja xejn meta jgħidu li l-Qorti tal-Appell ma tistax twarrab id-diskrezzjoni mwettqa mill-Ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi. Wara kollox, il-Qorti fil-grad ta' appell għandha awtonomija sħiħa fl-għarbiel tal-provi u hija mogħnija bis-setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad u kif ukoll li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat. Tassew f'sistema legali bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk hija ma tagħmilx għarbiel tal-fatti b'mod indipendenti mill-Ewwel Qorti (ara ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018, ***Joseph Grech et v. Nazzareno Grech*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 u ***Charlene Musù v. Elton Magion*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

31. Magħluqa din il-kwistjoni, il-Qorti tqis li hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur Joseph Schembri għamel żmien isellef il-flus lill-konvenut Saviour Attard sabiex dan ikun jista' jwettaq negozju billi jimporta ż-żwiemel minn barra minn xtutna u jbiegħhom. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut Attard jgħid li b'kollox huwa ssellef mingħand l-attur bejn wieħed u ieħor ftit aktar minn Lm25,000, jiġifieri €58,234.34, iżda inqas minn Lm30,000, jiġifieri

€69,881.20. Mill-banda l-oħra, waqt il-kontroeżami tiegħu, l-attur Joseph Schembri xehed li huwa kien sellef lill-konvenut Attard madwar €50,000, bil-ħsieb li huwa jirċevihom lura.

32. Issa matul l-istadju tal-provi l-partijiet qablu wkoll li għall-bidu dan is-self kien sar permezz ta' flus kontanti iżda mbagħad, aktar tard, beda jsir permezz tal-ħruġ ta' ċekkijiet jew permezz ta' transazzjonijiet bankarji. Kemm hu hekk, fl-atti tal-kawża tressqet prova ta' dawn iċ-ċekkijiet u transazzjonijiet, li meta magħduda flimkien jammontaw għal total ta' €40,136.18. Li ma hemmx qbil bejn il-partijiet huwa dwar kemm kien l-ammont ta' flus li l-attur Joseph Schembri għadda lill-konvenut Saviour Attard fi flus kontanti. Min-naħa l-waħda l-attur jgħid li huwa silef lill-konvenut €16,500 fi flus kontanti, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenut jisħaq li l-ammont misluf lilu b'dan il-mod ma kienx dak ta' €16,500 iżda ta' madwar €10,000.

33. F'dak li għandu x'jaqsam ma' dan in-nuqqas ta' qbil, din il-Qorti aktar ixxaqleb lejn it-teżi tal-konvenut Attard. Tassew, jekk ix-xhieda tal-attur Joseph Schembri fejn huwa qal li b'kollox silef madwar €50,000 lill-konvenut Attard għandha mis-sewwa, dan ifisser li l-ammont misluf minnu fi flus kontanti kien dak ta' madwar €10,000 u mhux dak ta' €16,500 għaliex id-differenza bejn it-total ta' €50,000 u l-ammonti mislufa li fl-atti hemm prova dokumentarja dwarhom (fit-total ta' €40,136.18), hija

sewwasew dik ta' madwar €10,000.

34. Lil hemm minn dan, din il-Qorti tqis li mill-istqarrijiet taż-żewġ partijiet ma hemmx dubju li r-rapport ta' bejniethom huwa regolat mill-**Artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili** li jfisser il-*mutuum* jew self għal konsum bħala kuntratt, *«li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef, daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità.»* Dan sewwasew għaliex f'din il-kawża ġew ippruvati ż-żewġ elementi tal-kuntratt tas-self, jiġifieri: (i) li l-flus ġew ikkonsenjati; u (ii) li l-flus għaddew minn id l-attur għal għand il-konvenut, bl-obbligu tal-konvenut li jroddhom lura. B'hekk, l-atturi rnexxielhom jneħħu minn fuqhom il-piż tal-prova li huma silfu l-ammont ta' €50,000 lill-konvenut Attard bil-għan li jirċevuh lura (ara f'dan is-sens ***John Muscat et v. Pacifico Bonnici et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Jannar, 2005).

35. Hekk kif l-atturi neħħew dan il-piż tal-prova minn fuqhom, imbagħad kien imiss lid-debituri, f'dan il-każ il-konvenuti Attard, li jġibu prova li huma raddew lura l-ammont kollu ta' €50,000 jew xi parti minnu (ara ***Manwel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2017). Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut Saviour Attard stqarr li huwa kien ħallas lura lil Joseph Schembri l-kapital kollu li kien issellef mingħandu u kif ukoll xi ħaġa żgħira magħhom bħala mgħax. Imma

ġaladarba l-konvenut invoka l-pagament, kien jaqa' fuqu d-dmir li jipprova dan b'mod konvinċenti u deċiżiv (ara ***Emmanuele Bezzina v. Emmanuele Attard et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 1959, ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998 u ***John Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-17 ta' Ottubru, 2008).

36. Jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta' riċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħal ma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-19 ta' Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe***, maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 2000, ***Lawrence Cauchi et v. Dr Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru, 2011 u ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

37. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu

sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles tal-ġudikant (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021).

38. Il-Qorti tqis li bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet, ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u lill-parti l-oħra bħala l-ħatja. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet (ara ***Edward Engerer v. Richard Attard et pro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019).

39. Fil-kamp ċivili l-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hemm mid-dubju raġonevoli (ara ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil*** mogħtija mill-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-7 ta' Mejju, 2010). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tingħata preferenza lit-teżi tal-parti li

kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara ***Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2004, ***Alfred Galea et v. Albert Ellul et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2007 u ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017).

40. Fil-każ tagħna, il-konvenuti Attard ma ressqu ebda prova li huma tassew ħallsu l-kapital kollu li Saviour Attard issellef mingħand l-attur Joseph Schembri. Dak li hemm fl-atti hija biss ix-xhieda tal-konvenut Saviour Attard innifsu, li żgur mhijiex biżżejjed biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut ħallas lura l-flejjes kollha li kienu ġew mislufa lilu mill-attur Schembri. Jista' jkun li huwa minnu dak li allega l-konvenut Attard, jiġifieri li l-attur Schembri qatt ma tah irċevuta għall-ħlasijiet li kien jagħmel, minkejja li huwa kien jitlobha. Jista' jkun ukoll li l-konvenut Attard kien jibża' mill-attur Schembri; għalkemm din l-istampa ta' biża' li huwa pprova jpinġi ma tantx tikkonvinċi lil din il-Qorti għaliex l-inċident li fih l-attur tah daqqa ta' ponn seħħ wara li nfetħet din il-kawża. Skont il-konvenut Attard, huwa kien diġà ħallas lura l-kapital kollu li kien issellef mingħand l-attur qabel saret din il-kawża u b'hekk il-konvenut ma jistax jinqeda b'dan l-inċident biex jgħid li huwa kien jibża' mill-attur Schembri minħabba l-imġiba vjolenti tiegħu.

41. Kienet x'kienet is-sitwazzjoni, din il-Qorti ma hija konvinta xejn li l-

konvenut Attard ħallas lura lill-attur xi parti mis-somma ta' €17,467, li ġiet imniżżla bħala dejn fil-kitba privata li saret bejn il-partijiet fit-8 ta' Marzu, 2008. Kemm hu hekk, fit-tweġiba tal-appell tagħhom, il-konvenuti joġġezzjonaw biss għad-differenza li hemm bejn l-ammont ta' €17,467, li tniżżel fuq din il-kitba privata u l-ammont ta' €21,314.58, li tniżżel fuq il-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008 u fl-ebda waqt ma jgħidu li l-ammont ta' €17,467, li tniżżel fuq il-kitba privata mhuwiex dovut.

42. Minn dak li għandha quddiemha, il-Qorti tista' tistabbilixxi biss li l-attur sellef lill-konvenut is-somma totali ta' madwar €50,000. Dan huwa kkonfermat kemm mill-kopji taċ-ċekkijiet li ħareġ l-attur, kemm mill-kopji tat-transazzjonijiet bankarji li saru bejn il-partijiet u kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut.

43. Min-naħa l-oħra, il-Qorti m'għandha ebda prova quddiemha li turi li l-konvenut Attard tassew ħallas lura xi parti minn dan is-self, għajr l-istqarrija bil-ġurament tiegħu. Jekk huwa minnu li l-konvenut kien jibża' mill-attur, jew li dan tal-aħħar kien dejjem jirrifjuta li joħroġlu rċevuta għall-ħlasijiet li l-konvenut kien iwettaq, il-konvenut messu kien aktar għaqli u qagħad attent li jkollu mezzi oħra ta' prova biex juri li huwa tassew radd lura il-flus. Hekk pereżempju, il-konvenut seta' qagħad attent li l-ħlasijiet ma jagħmilhomx permezz ta' flus kontanti iżda jagħmilhom b'ċekkijiet jew permezz ta' transazzjonijiet bankarji, hekk kif kien għamel miegħu l-attur.

Anke jekk il-konvenut ma kellux għażla oħra għajr li jħallas lura l-flus mislufa bi flus kontanti, huwa seta' mqar ħa lil xi ħadd miegħu kull darba li kien iħallas, sabiex dan joqgħodlu bħala xhud tal-ħlasijiet li wettaq.

44. Madankollu, il-konvenut ma għamel xejn minn dan u issa jinsab f'qagħda li m'għandu ebda rendikont tal-ħlasijiet li huwa jgħid li għamel. Din il-qagħda l-konvenut ġabha b'idejh, għaliex ma kienx għaqli biżżejjed fil-mod ta' kif wettaq lura l-ħlasijiet. Huwa ta' xejn għalhekk li l-konvenut xehed u nsista li l-attur kien iżommlu Lm1,500, jiġifieri €3,494.06, fix-xahar bħala mgħax fuq l-ammont li huwa kien issellef, għaliex il-Qorti m'għandha ebda prova oħra ta' dan fl-atti. Lanqas għandha tagħrif dwar meta saru l-ħlasijiet lura, f'liema ammonti dawn saru, jekk dawn qabżux il-kapital ta' €50,000 li ssellef il-konvenut u jekk fuq il-kapital ġiex imħallas xi mgħax.

45. Wara kollox, jekk kemm-il darba l-konvenuti kellhom f'moħħhom li jsejsu d-difiża tagħhom fuq l-element tal-imgħaxijiet b'użura biex ma jħallsux lura l-kapital kollu li ssellef il-konvenut Attard, dan il-ħsieb tagħhom ma jistax jintlaħaq f'din il-kawża. Tajjeb li jingħad li l-użura ma ġġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' siwi tal-obbligazzjoni li jkollha l-imgħaxijiet ogħla minn dawk li tippermetti l-liġi. Mod ieħor, tkun ma tiswiex biss dik ir-rabta ta' ħlas ta' mgħax sa fejn jaqbeż dik l-ogħla rata għaliex obbligazzjoni tal-ħlas lura tas-somma misselfa *brevi manu* mhijiex

minnha nnifisha obbligazzjoni msejsa fuq il-kawża illeċita (ara ***Maria Dolores Montebello et v. Saviour Chetcuti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017 u ***Mario Pace v. Anthony Mizzi et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2022).

46. Jinżel b'hekk, minn dan kollu, li l-ammont ta' €17,467, li tniżżel fuq il-kitba privata tat-8 ta' Marzu, 2008 għadu dovut, kemm għaliex fl-atti ma hemm ebda prova li dan tħallas, u kif ukoll għaliex bil-maqlub ta' dak li sabet l-Ewwel Qorti, din il-kitba mhijiex imċappsa bl-użura.

47. Ngħaddu issa biex naraw jekk f'din il-kawża l-atturi setgħux jitolbu li jitħallsu l-ammont sħiħ ta' €21,314.58, li tniżżel fuq il-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008, u li jinkludi fih l-ammont ta' €17,467, hawn fuq imsemmi.

48. Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-atturi jagħtu x'jifhmu li ġaladarba l-konvenut Attard iffirma din il-kambjala, huwa għandu b'mod awtomatiku jitqies li huwa midjun magħhom is-somma ta' €21,314.58. Din il-Qorti tistqarr, mingħajr ebda tlaqliq, li dan mhuwiex il-każ. L-azzjoni tal-atturi mhijiex waħda kambjarja, li tiddependi esklussivament mill-pussess tal-kambjala u għandha l-għan li tinforza d-dritt ta' kreditu misjub fil-kambjala nnifisha bis-saħħa tal-awtonomija tagħha. Mod ieħor, l-azzjoni tal-atturi hija waħda ordinarja għall-ħlas ta' lura ta' flejjes mislufa minnhom u spejjeż oħra magħmula minnhom (ara ***Carmelo sive Charles Sammut***

***et v. Armando Bugeja et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2008).

49. Terġa' u tgħid, il-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008 ma ġietx ġirata u billi għalhekk din baqgħet biss bejn il-partijiet li ffirmawha, il-kambjala ma tiksibx il-karattru ta' kreditu awtonomu. Fi kliem ieħor, bejn il-kreditur u d-debitur il-kambjala tkun tikkostitwixxi biss prova tad-dejn li nħoloq bejn il-partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet jibqgħu rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-azzjoni fuq il-kambjala ta' bejn il-partijiet oriġinali, ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha. Huwa biss f'każ li l-kambjala tiġi mdawra jew ġirata fuq ħaddieħor li din tikseb il-karattru awtonomu tagħha, filwaqt li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (ċjoè ma tiġix ġirata), din ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala (ara ***Windsor Company Limited v. Sovereign Hotels Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021 u ***John Giordimaina v. Joseph Pace*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2003).

50. Issa matul is-smigħ tal-provi l-atturi jgħidu li l-ammont ta' dejn ta' €17,467, li tniżżel fuq il-kitba privata tat-8 ta' Marzu, 2018 tela' għal dak ta' €21,314.58, li tniżżel fuq il-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2018, minħabba li

mal-ammont ta' €17,467 kienu żdiedu: (i) l-ispejjeż tal-mandati kawtelatorji li l-attur Schembri kien ressaq kontra l-konvenuti; (ii) l-ispejjeż tal-avukat; (iii) l-ispiża ta' €500 li tħallsu lil kontabbli Taljana minħabba l-kwistjoni li kienet inqalgħet bejn il-partijiet dwar iż-żiemel bl-isem ta' Zut; u (iv) l-imgħaxijiet legali skont il-kitba tat-8 ta' Marzu, 2018. Madankollu, fir-rikors tal-appell tagħhom, huma ċaħdu li l-ammont ta' €21,314.58 li ntalab minnhom fir-rikors maħluf, jinkludi xi mgħaxijiet. Fil-fatt fl-appell tagħhom isemmu biss l-ispejjeż marbuta mal-mandati.

51. Li kieku wieħed kellu joqgħod fuq dak li fissru l-atturi matul l-istadju tal-provi, mal-ewwel daqqa t'għajn l-ispjegazzjoni mogħtija mill-atturi hija waħda x'aktarx plawsibbli u tidher li tiġġustifika d-differenza fid-dejn ta' kważi €4,000 li żdiedet bejn ix-xhur ta' Marzu 2008 u Lulju 2008. Madankollu, l-atturi ma ressqu ebda prova ta' x'kienu dawn l-ispejjeż, ħlief dawk marbuta mal-kontabbli Taljana, u anke f'dan il-każ, ma ġabu ebda prova li l-attur ħallas dawn il-€500.

52. Terġa' u tgħid, għalkemm l-atturi ressqu prova li huma kienu ppreżentaw numru ta' mandati kawtelatorji kontra l-konvenuti qabel saret il-kambjala fit-8 ta' Lulju, 2008, fil-parti finali tar-rikors maħluf tagħhom huma talbu li jitħallsu l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-mandati b'żieda mal-ammont ta' €21,314.58. Issa meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, din id-

dispożizzjoni tagħha kienet tinkludi wkoll l-ispejjeż relatati ma' dawn il-mandati. Dan ifisser li l-atturi ma jistgħu qatt jitolbu l-ħlas ta' dawn l-ispejjeż bħala parti mis-somma ta' €21,314.58 għaliex dan ikun ifisser biss li huma qegħdin jitolbu l-ħlas tagħhom doppjament. Minbarra dan, il-Qorti tirrimarka wkoll li wħud minn dawn il-mandati ġew ikkwotati b'mod ħażin mill-atturi fir-rikors maħluf. Tassew, il-mandati bin-numri 917/08, 914/08 u 915/08 ma kinux jinvolvu lill-partijiet f'din il-kawża u għalhekk l-atturi ma jistgħu qatt jippretendu li jitħallsu xi spejjeż marbuta magħhom.

53. Meta wieħed iqis dan kollu, jista' jagħti l-każ li l-ammont imniżżel fil-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008 kien imtebba' b'imgħaxijiet li nħadmu bl-użura, u li l-atturi qegħdin jippruvaw jaħbu dan il-fatt billi jallegaw li bejn Marzu u Lulju ta-sena 2008, huma għamlu numru ta' spejjeż minħabba t-tilwim li kellhom mal-konvenuti. Minkejja dan, kien x'kien il-każ, din il-Qorti mhijiex sejra tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi xi ammont li jaqbeż is-€17,467, għaliex kif rajna, l-atturi ma pruvawx b'mod sodisfaċenti l-ispejjeż li għamlu fix-xhur, hawn fuq imsemmija. Minbarra dan, din il-Qorti lanqas tista' żżid l-imgħaxijiet legali li setgħu mxew fuq l-ammont ta' €17,467, skont il-kitba tat-8 ta' Marzu, 2008, f'dawk l-erba' xhur, ladarba fl-appell tagħhom l-atturi qegħdin jiċħdu li fis-somma ta' €21,314.58, mitluba minnhom hemm inklużi dawn l-imgħaxijiet.

54. Għalhekk, din il-Qorti qiegħda tilqa' f'parti minnhom l-ewwel tliet

aggravji tal-atturi Schembri billi tordna lill-konvenuti Attard iħallsu lill-atturi Schembri s-somma ta' €17,467 minflok dik ta' €10,967, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti.

55. Imiss li jiġi mistħarreġ ir-**<u>raba' aggravju</u>** tal-atturi. F'dan l-aggravju huma jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkastigathom billi ordnat li l-imgħax fuq is-somma dovuta lilhom għandu jitlaq biss mid-data tas-sentenza appellata. Jgħidu li għalkemm l-Ewwel Qorti naqqset l-ammont li huma talbu fir-rikors maħluf, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Ewwel Qorti milli tordna li l-imgħax fuq dan l-ammont għandu jibda miexi mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf. Min-naħa l-oħra l-konvenuti jwieġbu li ladarba l-ammont mitlub mill-atturi ma kienx dejn ċert, likwidu u dovut iżda ġie likwidat *arbitrio boni viri* mill-Ewwel Qorti, l-imgħax għandu, bit-tħaddim tal-prinċipju *in illiquidis non fit mora*, jibda miexi minn dakinhar tas-sentenza għaliex sa dak il-mument ma kienx magħruf l-ammont li seta' kien dovut.

56. Bil-kontra ta' dak li qegħdin jgħidu l-konvenuti appellati, il-fatt innifsu li l-Qorti tkun tat lill-attur somma iżgħar minn dik oriġinarjament mitluba minnu, ma jiġġustifikax it-tħaddim tal-prinċipju *in illiquidis non fit mora* (ara ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Falcotrans Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Marzu, 2022). Bil-maqlub, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li, bħala regola ġenerali, meta l-attur jitlob

somma determinata u din titnaqqas mill-Qorti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jinħeles mill-ħlas tal-imgħax (ara ***H&C Developments Ltd v. Grazio u Michelina konjuġi Portelli*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013 u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2014), u dan sewwasew għaliex l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor (ara ***Simon Debono et. v. Viaggo Facile s.r.l. et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

57. Tabilħaqq, huwa biss f'dawk il-każijiet li fihom ikun wisq diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut minnu (ara ***Mariella Vidal v. Micaela Cassar*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2020), jew inkella meta l-ammont mitlub mill-kreditur jitnaqqas b'mod qawwi (ara ***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022), li d-debitur m'għandux jagħmel tajjeb għall-interessi sakemm ssir investigazzjoni ġudizzjarja dwar kemm tassew għandu jagħti.

58. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenuti li f'dan il-każ kien hemm xi lok fejn kellu jitħaddem il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora* għaliex ma jistax jingħad li hemm xi diskrepanza kbira bejn l-ammont oriġinarjament mitlub mill-atturi, jiġifieri dak ta' €21,314.58, u dak ta' €17,467 li l-

konvenuti qegħdin eventwalment jiġu ordnati biex iħallsu b'din is-sentenza.

59. Għalhekk, tidħol hawnhekk ir-regola msemmija fl-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Hawnhekk, il-Qorti qiegħda tqis li l-obbligazzjoni bejn il-partijiet hija waħda ta' natura ċivili u mhux bħala waħda kummerċjali billi ma nġabux provi li bejn il-partijiet kien qiegħed isir xi negozju.

60. Issa kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, mogħtija fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»*

61. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax li l-atturi sejħu lill-konvenuti b'att ġudizzjarju biex jitħallsu s-somma mitluba minnhom qabel ma huma fetħu din il-kawża. Għalhekk, kif jgħidu tajjeb l-atturi fir-rikors tal-appell, huwa r-rikors maħluf tagħhom li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili**.

62. Mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-konvenuti Attard ġew notifikati bir-rikors maħluf fis-17 ta' Diċembru, 2008 u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-Qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet (ara *inter alia* ***Joseph Pisani et v. David Mamo et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019 u ***George Zammit et v. Alfred Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

63. Għalhekk dan l-aggravju tal-atturi qiegħed jintlaqa'.

64. Fil-**ħames u l-aħħar aggravju**, l-atturi jilmentaw li huma ma kellhomx jiġu ordnati jħallsu nofs l-ispejjeż tal-kawża għaliex għalkemm l-Ewwel Qorti naqqset l-ammont mitlub minnhom fir-rikors maħluf, fl-aħħar mill-aħħar hija sabet li l-konvenuti kienu debituri tagħhom u għalhekk huma kellhom raġun li jiftħu din il-kawża. Il-konvenuti jilqgħu għal dan l-ilment billi jirrimarkaw li l-Ewwel Qorti mxiet tajjeb meta ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, kemm għaliex din sabet li l-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008 kienet imtebba' bl-użura u kif ukoll għaliex l-Ewwel Qorti ma kkundannatx lill-konvenuti jħallsu l-ammont kollu mitlub mill-atturi.

65. Kif ġie meqjus aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma teskludix li l-ammont ta' €21,314.58, li tniżżel fuq il-kambjala tat-8 ta' Lulju, 2008, seta' kien imtebba' bl-użura. Madankollu, bil-maqlub ta' dak li kkonkludiet

l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma sabet ebda provi konkreti li setgħu jwassluha b'konvinzjoni għal din il-konklużjoni. Għalhekk, l-argument imressaq mill-konvenuti biex huma ma jeħlux aktar minn nofs l-ispejjeż tal-kawża jaqa'. Fl-istess waqt, però, irid jitqies li din il-Qorti mhjiiex sejra tkun qiegħda tordna lill-konvenuti jħallsu l-ammont kollu mitlub mill-atturi. Fid-dawl ta' dan, ikun b'hekk xieraq li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu skont il-kejl tar-rebħ u tat-telf tal-partijiet fil-kawża.

66. Fil-każ tagħna l-ammont ta' €17,467 jammonta għal erba' partijiet minn ħamsa (⅘) tas-somma mitluba minnhom fir-rikors maħluf. Għalhekk, il-Qorti sejra tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu fis-sehem ta' parti waħda minn ħamsa (⅕) mill-atturi Schembri solidalment bejniethom u fis-sehem ta' erba' partijiet minn ħamsa (⅘) mill-konvenuti Attard b'mod solidali bejniethom. Din l-ordni tiswa wkoll għall-ispejjeż marbuta mal-mandati kawtelatorji bin-numri 984/08 u 967/08 iżda mhux dawk marbuta mal-mandati kawtelatorji bin-numri 917/08, 914/08 u 915/08, għaliex dawn tal-aħħar ma kinux jinvolvu lill-partijiet f'din il-kawża u min-naħa tagħhom l-atturi m'għamlu l-ebda tentattiv biex isewwu l-iżball li għamlu fir-rikors maħluf tagħhom fejn kwotaw b'mod ħażin in-numri tal-mandati kawtelatorji mressqa minnhom.

67. Għalhekk dan l-aħħar aggravju tal-atturi qiegħed jintlaqa' wkoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** il-preġudizzjali tal-konvenuti Attard dwar in-nullità tal-appell imressaq mill-atturi Schembri iżda **tilqa'** f'parti minnu l-appell imressaq mill-atturi Schembri u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi: (i) tordna lill-konvenuti Attard iħallsu lill-atturi Schembri s-somma ta' €17,467 minflok dik ta' €10,967; (ii) tordna li l-imgħax legali fuq din is-somma ta' €17,467 għandu jibda miexi mis-17 ta' Diċembru, 2008, jiġifieri mid-data li fiha l-konvenuti Attard laqgħu n-notifika tar-rikors maħluf tal-atturi, u mhux mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti; u (iii) tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u tordna minflok li l-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk marbuta ma' dan l-istadju tal-appell u kif ukoll mal-mandati kawtelatorji bin-numri 984/08 u 967/08, għandhom jitħallsu fis-sehem ta' parti waħda minn ħamsa (⅕) mill-atturi Schembri solidalment bejniethom u fis-sehem ta' erba' partijiet minn ħamsa (⅘) mill-konvenuti Attard b'mod solidali bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>ss